MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2007

Numru 725/2006

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Tracey Azzopardi ta' 25 sena bin Joseph u Helen nee Attard imwieled Pieta' fit-28 ta' Frar 1981 residenti fl-indirizz Ir-Razzett tan-Nuża Triq Ħal-Qormi Attard. Detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 131681 (M)

Akkużat talli

(a) Fis-26 ta' Lulju 2006 u fi żminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer ifflasifika biljetti tal-flus jew mexxa biljetti tal-flus u cioe' biljetti tal-flus Maltin, liema biljetti tal-flus l-imputat kien jaf li kienu ffalsifikati;

(b) Talli fl-istess ċirkostanzi, mingħajr awtorita' legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġonevoli, xtara jew irċieva minn għand xi persuna jew kellu fil-kustodja jew pussess

tiegħu, biljeti tal-flus iffalsifikati li kien jaf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati;

(ċ) B'hekk tqies bħal li sar reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġie kkundannat għal reat b'sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati tal-5 ta' Mejju 2006 liema sentenza hija definitive u ma tistax tinbidel.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż ir-risposta ta' l-imputat illi mhux ħati (fol 3); iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat li jġib in-numru 1316 tas-sena 1981; il-fedina penali ta' l-imputat li hija mmarkata JC2 a fol 5 u 6 tal-proċess; il-ħatra ta' Caroline Farrugia sabiex tagħmilha ta' interpretu mil-lingwa Ingliża għal-lingwa Maltija u vice versa (fol 11) u dan sar biex jkun hemm traskizzjoni tax-xhieda ta' Barbara Prender illi xehdet bl-Ingliż; il-verbal magħmul mid-difiża li eżentaw lill-Qorti milli jinħatar perit tekniku sabiex jiġi kkonstatat jekk il-karti tal-LM2 esebiti humiex ġenwini jew le għaliex bħala fatt mhux qed jikkontestaw il-fatt li huma foloz (fol 12); kif wkoll ir-riċevuti li ngħataw mill-pulizija lil Barbara Prender li hija Awstrijaka kif jidher a fol 62 sa 65; l-istqarrija ta' l-imputata a fol 66; kif wkoll l-okkorrenza li tidher a fol 68 u fl-aħħarnett l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fit-12 ta' Settembru 2006, liema Artikoli qegħdin a fol 77 tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u ta' l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Illi kien xehed l-Ispettur Victor Aquilina li ppreżenta sentenza datata 5 ta' April 2006 fil-konfront ta' l-imputat u li huwa qal li kien il-prosekutur f'dik il-kawża (fol 13).

L-Ispettur Joseph Cordina qal li fis-26 ta' Lulju 2006 sar rapport fl-għassa tal-pulizija tal-Barbara Prender li qalet li rċeviet żewġ karti taż-żewġ liri foloz bħala bqija mingħand xufier ta' karozza tal-linja. Lill-pulizija tagħthom dawn iż-żewġ karti kif wkoll il-biljett tal-karozza tal-linja. Permezz

tal-biljetti, il-pulizija rnexxielhom jsibu lix-xufier li kien Tracey Azzopardi u kellmuh. Fuq il-persuna tiegħu ma sabulu xejn. Fix-xarabank kien hemm qmis ta' l-uniformi ta' Tracey Azzopardi imdendla u f'din kien hemm wkoll karti foloz tal-LM2. Waħda mill-karti foloz fil-fatt li sabu fil-but ta' l-imputat kellha l-istess serial number ta' waħda miż-żewġ karti li kienet tagħthom il-complainant u din hija bin-numru A22 973813.

**L-istqarrija ta' l-imputat**

Fis-27 ta' Lulju 2006, l-imputat qal li fis-26 ta' Lulju kien bix-xarabank numru DBY 044 fuq ir-rotta 45 u cioe mill-Belt għaċ-Ċirkewwa.  Huwa kkonferma li l-flus tal-LM2 li wrewh il-pulizija kienu nstabu fil-but tal-qmis tiegħu. Huwa qal li fil-jum ta' qabel kien xogħol fuq ir-rotta ta' Ta' Sliema. L-għada waqt li kien qed ibattal iċ-ċippa induna li kellu flus foloz. Huwa sab dawn it-tliet karti taż-żewġ liri li kienu foloz. Huwa poġġiehom fil-but tal-qmis ħalli kif jiltaqa' ma ħuħ jurieh il-flus ħalli hu jkun jaf kif ikunu foloz u jgħarafhom. Sakemm kien ltaqa' mal-pulizija, kien għadu ma ltaqax ma ħuħ. Dwar Gordon Caruana huwa qal li tela' darba lejn iċ-Ċirkewwa u niżel lura darba. Lejn il-Belt kien saq Gordon Caruana għax kellu jibda miegħu dak inhar, jiġifieri 27 ta' Lulju u kien libes il-qmis ta' l-imputat. Huwa nnega li kien qal lil Gordon Caruana li kellu flus foloz biex jagħti bqija lit-turisti. Huwa qal li meta libes il-qmis tiegħu, il-flus ħalliehom fil-but tagħha. Dwar il-vjaġġ li kien għamel fil-11.00am, huwa qal li kien ta bqija lil turista imma ma kienx attenda li l-flus kienu foloz (fol 67). Hawn hekk kien mistoqsi kif qed jgħdi li ma kienx attenda bihom meta kien għadu kif qal illi sab il-flus foloz fid-9.00am. U hawn it-tweġiba kienet 'B'dawk biss indunajt.' Flus kien baqgħalu xi LM15 u dawk iżommhom ġol-pouch. Huwa qal illi kien ta il-bqija lit-turista mill-flus li kellu bil-but tal-qmis għaliex waqt li jkun qed isuq, il-karti jżommhom fil-but tal-qmis. Jagħmel il-karti biss fil-pouch x'ħin jieqaf fil-venda. Hawn hekk kien mistoqsi jekk kien qed iżomm tliet karti foloz fil-but tal-qmis, kif jispjega li poġġa l-flus tajbin fl-istess but. Hawn hekk it-tweġiba kienet li hu ma kienx iħallathom u meta joħroġhom jagħti każ. Huwa qal illi ma setgħax jgħid kif il-karta minn dawk

li kellu fil-but kumbinazzjoni għandha l-istess numru tal-karta illi kien ta lit-turista. Huwa qal li dawk il-flus foloz kien belagħhom il-jum ta' qabel. Imbgħad staqsewh, 'Tikkonferma li dawk it-turisti li għarfuk kont tajthom żewġ karti tal-LM2 foloz?' U r-risposta kienet 'La qablu ma dawn, jiena tajthomlom.' Huwa qal illi kien lest jieħu ġurament li qatt ma kellu minn dawn l-affarijiet.

L-ispettur Joseph Cordina esebixxa l-biljetti tal-karozza tal-linja li kienu ngħataw lilhom fl-għassa tal-Belt mill-complainant (Dok JC).

Huwa esebixxa wkoll żewġ karti tal-flus li kienet tagħthom l-istess complainant li qegħdin ġo envelope u dawn għandhom in-numru A22 973813 u l-oħra A23 915022 u dawn ġew mmarkati bħala Dok JC1.

Huwa esebixxa wkoll it-tliet karti taż-żewġ liri li nstabu fil-but tal-qmis ta' l-imputat.

Xehdet Barbara Prender u hija qalet li l-ġenituri tagħha, oħtha ż-żgħira u hi kienu l-Belt u xtraw ticket għaċ-Ċirkewwa fuq ir-rotta tal-45. Missierha kien ħallas b'LM5 u flimkien l-prezz kien xi 95cents. Huwa rċeva żewġ LM2 bank notes foloz. Huma ma kienux intebħu b'dan pero meta ommha riedet tixtri xi ħaġa mill-Barrakka Gardens, ir-raġel li kien ser jirċevi l-flus qallhom li l-money kienu foloz u kellhom jmorru għand l-għassa tal-pulizija.

Hawn hekk ix-xhud għarfet lill-bus driver minn fejn kienu xtraw il-biljett. Meta intwerew il-pass tickets mill-prosekutur, hija qaltlu li kien hemm waħda nieqsa għaliex kienu 4 persuni. Hija kkonfermat li kienu taw iż-żewġ LM2 notes lill-pulizija. Hawn hekk il-Qorti staqsietha jekk kinitx ċerta illi kien ix-xufier li taha l-bank notes u hija qalet iva għaliex missierha kien iżomm il-flus separati. Kien mar il-cash machine u ħareġ minn hemm b'LM10 u allura nduna li iż-żewġ lirijat kienu ġew mingħand ix-xufier. Meta kienet mistoqsija jekk kinitx ħdejn ix-xufier waqt li missierha rċeva l-bqija, ix-xhud qalet li le. Pero qalet li x-xufier ħareġ il-flus mill-breast pocket tiegħu. Biex inkunu eżatti hija qalet illi missierha illi kien rah joħroġ il-flus u

mhux hi. Hawn hekk id-difiża qalilha, ‘Allura dak li inti għidt huwa dak li qallek missierek, vera?’ U hawn hekk ix-xhud qalet ‘Iva u l-mama kienet miegħu wkoll.’ U reġgħet kkonfermat li dan kollu kien x’qalilha missierha.

Xehed Amante Farrugia, uffiċjal tal-Bank Ċentrali fil-Currency Surveillance Unit. Dan qal li l-karti tal-flus ma fihomx is-security features li suppost fiha karta ġenwina bħal ma hija watermark u l-karta fiha nnifisha. Mistoqsi mill-avukat jekk bniedem komuni kienx jista jinduna li mhux ġenwini, ix-xhud qalet iva, mill-karta stess tinduna li mhix karta ġenwina.

Xehed ukoll PS 697 Apap illi qal li kien sar ir-rapport minn Barbara Prender dwar iż-żewġ lirijat foloz. Li hu kien mar u sab lil Tracey Azzopardi u għamlet tfittxija fuqu. Fuqu ma nstab xejn. Telgħu fil-karozza tal-linja fejn kellu l-qmis qegħda fuq is-seat u mill-but ħareġ tliet kart ital-LM2 li waħda minnhom kellha l-istess serial number bħal li kienet tagħtu Barbara Prender.

Din ix-xhud sar jaf li l-imputat kien ma ċertu Gordon Caruana. Dan Gordon Caruana kien qallu li ser jibda jaħdem mas-sinjur u għamel jum miegħu. Hawn hekk ġiet preżentata l-okkorrenza. Dan ix-xhud għaraf il-biljetti li kienet tathom is-Sinjura Prender. Kellu wkoll anke time table tar-rotta li kellu x-xufier. Hawn hekk din ix-xhud kkonfermat riċevuti oħra. Hu kien kellem lill-imputat u dan kien qallu li fil-jum ta’ qabel kien fuq ir-rotta 62 ta’ Ta’ Sliema u kellu xi rush qawwi ta’ nies u kienu tawhomlu xi turisti. Huwa ma kienx induna dak il-ħin illi l-flus kienu foloz. Kien induna ħafna wara u staqsieh kif ħa tlieta ħżiena wara xulxin jew iktar u hu qallu għax ma kellux dawl.

Xehed wkoll Gordon Caruana li qal li jaħdem xufier ma tal-linja. Lill-imputat kien jafu u qal li prova jaħdem miegħu. Huwa kien mar ma l-imputat biex jipprova t-trakk. Fis-26 ta’ Lulju kien ma l-imputat u saq ix-xarabank miċ-Ċirkewwa sal-Belt. Huwa kien saq bl-uniformi ta’ l-imputat. Huwa ma kienx ra il-karti taż-żewġ liri li l-uffiċjal prosekutur kien wrieh qabel. Huwa qal illi kien kellmu xi

ħaġa fuq il-flus foloz a fol 39. Hawn hekk il-Qorti fakkritu illi kien bil-ġurament. Ix-xhud qal li l-imputat kien qallu li kellu l-flus ġol-qmis. Huwa qallu li kienu ħżiena. F’fol 41 qal li l-pulizija kienu marru fuq it-trakk u ma sabu xejn imma imbgħad ħareġ il-flus minn ġol-qmis u dawn kienu tliet żewġ lirijat. A fol 42 il-prosekuzzjoni staqsiet lix-xhud, ’Is-Sur Azzopardi qallek li kellu flus ħżiena fil-but?’ Ix-xhud wieġeb ‘Iva.’ Il-prosekuzzjoni staqsiet ‘Dan meta qalulek?’ U x-xhud qal ‘Aħna u sejrin lejn iċ-Ċirkewwa’. Ix-xhud kkonferma wkoll li huma u neżlin kien libes il-qmis ta’ l-imputat, fol 42. Ix-xhud qal li l-flus ma kienx ħasshom u huwa ma kienx ħareġ flus mill-but u lanqas daħħal flus oħra. Fil-kontro eżami l-avukat staqsa, ’Kien qallek għalfejn kienu fil-but?’ U x-xhud qal li biex jagħtihom bqija. Hu fil-jum ta’ qabel kien ħadem fuq is-66. Fuq is-66 ix-xhud ma kienx ma l-imputat. Ix-xhud qal li lanqas tkun taf kif tiblagħhom. Il-prosekuzzjoni reġgħet staqsiet, ’X’qallek li kien ser jagħmel bihom dawn il-flus?’ (fol 44) u x-xhud qal ’Biex jagħtihom bqija.’ L-avukat hawn hekk staqsieh, ’Mela kif taf li kien hemm is-sitt liri?’ u x-xhud qal li għax kien qallu l-imputat. L-avukat hawn staqsa ’Qallek hawn hekk għandi flus mhux tajbin?’ (fol 45). Ix-xhud wieġeb ’Iva’. Hawn hekk ix-xhud qal ’Le ma qallix għandi flus mhux tajbin, qalli għandi flus ġol-but’ (fol 45). Hawn hekk il-Qorti ġibditlu l-attenzjoni li kienet semgħetu wkoll. Ix-xhud a fol 46 qal li l-imputat kien qallu li għandu flus ġol-qmis. Il-Qorti staqsiet ’Li għandu flus fil-qmis biss jew li għandu flus ħżiena?’ Ix-xhdu qal ’Le, li għandu flus ġol-qmis biss.’ Hawn hekk il-Qorti staqsietu ’Jekk nerġgħu nisimgħu t-tape xi tgħid?’ Ix-xhud qal a fol 46 ’Li għandu flus ġol-but li belagħhom’. Il-prosekuzzjoni insistiet ‘Ħżiena?’ U x-xhud qal ‘Ħżiena.’ Il-prosekuzzjoni staqsiet ‘X’qallek li ser jagħmel bihom?’ U x-xhud qal ’Biex jużahom’ (fol 46). L-avukat difensur staqsieh jekk kienx jaf lill-imputat qabel u x-xhud qal a fol 47 li kienet l-ewwel darba li mar miegħu. L-avukat difensur a fol 47 insisita ’U inti qed tgħid qatt ma kont taf min hu u mort fuq rotta u qagħad jgħidlek li għandu flus foloz. Qallek jew ma qallekx?’ Ix-xhud wieġeb ’Hu hekk qalli lili’ (fol 48). L-avukat staqsieh ’Qallek li bellgħahomlu? Iva jew le?’ Ix-xhud qal ’Iva’ u baqa’ jinsisiti li qed jgħid il-verita. A fol 49, il-Qorti qaltlu ‘X’inhi l-verżjoni li hija t-tajba? Ftakar li

qiegħed bil-ġurament u jekk tigdeb bil-ġurament ħabs.' U x-xhud qal 'Hu qalli li biex jużahom.' (fol 49).

Ix-xhieda ta' Barbara Prender hija ripetuta a fol 53 et u hija l-istess waħda li hemm f'paġna 19 et.

**Trattazzjoni**

**Prosekuzzjoni**

Fit-trattazzjoni l-abbli Prosekutur issottometta li m'hemmx dubju li l-flus huma flooz, li ngħatat bqija fi flus foloz, li x-xhieda għarfu lix-xufier u li l-istqarrija ta' l-imputat titkellem weħidha. Id-difiża kienet eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttellea' provi li l-flus kienu foloz u l-Prosekuzzjoni ġabet ukoll il-prova tar-reċidiva.

**Difiża**

Il-flus kienu fl-istess but mnejn ngħatat il-bqija u l-imputat kien jaf x'qed jagħmel sew.

Id-Difiża ssottomettiet li l-Prosekuzzjoni ma kienx irnexxielha tipprova l-imputazzjonijiet. Waqt li ma kienx hemm kontestazzjoni li l-flus kienu foloz, li kienu fuq l-imputat u li dawn kienu ġewwa l-but tal-qmis, id-difiża kkontestat li ma kien hemm ebda prova li l-imputat iffalsifika xi flus u li ma kienx mexxa iżda kein hemm biss it-tentattiv.

Id-Difiża ssottomettiet ukoll li d-depożizzjoni ta' Barbara Prender kienet hearsay għaliex din kienet qalet dak li qalilha missierha.

Id-Difiża ssottomettiet ukoll li x-xhieda ta' Gordon Caruana ma kienx ta' min joqgħod fuqha u dan għaliex skond id-Difiża dan kien inkonsistenti u jirrispondi skond min ikun qed jistaqsih.

Fl-aħħarnett il-każ tar-reċidiva ma kienx wieħed serju.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti ser tikkonsidra s-sottomissjonijiet tad-difiża seriatim. L-ewwel sottomissjoni kienet li x-xhieda ta' Barbara Prander kienet hearsay. Effettivament id-difiza kieent staqsit lil din ix-xhud jekk dak li qed tixhed kienx qalulha missierha. Ix-hud irrispondiet li kien dak li qalulha kemm missierha kif ukoll ommha. (fol.23). Għaldaqstant fuq dan il-punt id-difiża hija korretta. Iżda jibqgħu validi dak li qalet din ix-xhud dwar il-biljetti tal-karozza kif ukoll dwar l-identita' tax-xufier u tal-karti taż-żewġ liri li kien irċieva missierha.

It-tieni sottomissjoni tad-difiża kienet li x-xhieda ta' Gordon Caruana mhux ta' min joqgħod fuqha. Il-Qorti hawn ma taqbilx. Hemm differenza bejn xhieda b'nuqqas ta' verita' u xhud li qed jipprova jagħmel minn kollox biex ma jixhidx kontra l-imputat. Mill-istqarrija ta' l-imputat a fol 66 jidher li dan Gordon Caruana kien qed isuq it-trakk ta' l-imputat biex jidrah. .Anzi a fol.44 dan ix-xhud – għal mistoqsija mill-Avukat Difensur – wieġeb li kien faċli li tiblagħhom dawn il-flus.

Dan ix-xhud ma tantx xtaq jgħid li l-imputat kellu l-flus fil-buit tal-qmis beix jagħtihom bqija u dan meta dan kien diġa' xehed bl-istess frażi għal domanda ta' l-avukta difensur a fol.43 u a fol.42 fejn il-Prosekuzzjoni staqsiet:

'Is-sur Azzopardi qallek li kellu flus ħżiena fil-but?'

Xhud: Iva.'

Għalhekk il-Qorti ma tistax tiskarta din ix-xhieda li minnha joħroġ ċar li l-imputat kien jaf li kellu flus ħżiena fil-but tal-qmis.

Barra dan mix-xhieda ta' PS 697 Apap joħroġ ukoll li meta dan ix-xhud (flimkien ma' PC 1499) telgħet fuq ix-xarabank u talbet lill-imputat biex jekk kellu xi ħaġa jagħtihielhom l-imputat mal-ewwel ħareġ tliet karti taż-żewġ liri li waħda minnhom kellha l-istess serial number taż-żewġ liri li kienet ippreżentat Barbara Prandner lill-Pulizija.

Fl-aħħarnett, l-istqarrija ta' l-imputat tas-27 ta' Lulju 2006 turi li fid-9.00 am tas-26 ta' Lulju 2006 kien diġa' jaf li kellu l-karti tal-flus foloz li ried jurihom lil ħuh sabiex jagħrafhom. Meta arrestawh il-Pulizija kien għadu ma ltaqax ma' ħuh. Imbagħad huwa qalli meta ta l-bqija ma kienx ittenda li qed jagħti l-flus foloz. Effettivament il-Prosekutur kien ġibdilu l-attenzjoni dwar dan il-punt: kif seta' ma jkunx jaf li qed jagħti bqija fi flus foloz meta dawn kienu fil-but tal-qmis u kien diġa' jaf x'inhuma fid-disa' ta' filgħodu.

Minn dan il-Qorti tikkonkludi li l-imputat kien jaf li kellu l-flus foloz u kien konxju li qed jagħti l-bqija fi flus foloz lil missier Barbara Prandner.

Id-difiża ssottomettiet ukoll li dan kien każ ta' tentattiv. Il-Qorti ma taqbilx dwar żewġ karti taż-żewġ liri minnhom għaliex dawn effettivament ingħataw lil persuna oħra bħala bqija u għalhekk ir-reat huwa kompjut u mhux tentattiv biss.

Dwar dawk li kien fadallu l-imputat, hawn si tratta ta' pussess ta' flus foloz li l-Qorti m'għandhiex dubju li l-imputat kien jaf b'dan..

Id-Difiża ppreżentat ukoll sentenza deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-28 ta' Lulju 2006 fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Ian Joseph Abdilla) versus Ritianne Mula, Isabelle Mizzi u Johanna Saliba' fejn l-imputati kienu mixlija li fis-27 ta' Lulju, 2006 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel kienu mexxew biljetti tal-flus falsifikati. Jidher li din is-sentenza hija deċiża fil-konfront ta' Ritianne Mula biss. Mis-sentenza jidher li saret refernza għal post speċifiku (ara imputazzjoni (ċ)) għalkemm l-imputazzjonijiet l-oħra m'huma marbuta ma ebda post partikolari. Għalhekk il-Qorti ma tista' tiġbed ebda konklużjoni, favur jew kontra l-imputat, lanqas fuq bażi ta' probabilita' ab bażi ta' din is-sentenza.

**L-artikoli u l-Imputazzjonijiet.**

**Artikoli 45, 46 u 49A(3) tal-Kap 204 – L-ewwel u t-Tieni Imputazzjoni.**

Fl-ewwel imputazzjoni l-Prosekuzzjoni tat l-alternattiva li hemm fl-artikolu 45 tal-Kap 204: falsifikar jew tmexxija ta' flus falsifikati.

Mill-provi quddiemha l-Qorti għandha l-ammont ta' flus misjuba fuq l-imputat u/jew mogħtija bħala bqija kif ukoll il-verżjoni ta' l-imputat fl-istqarrija . L-imputat kien stqarr li jum qabel is-26 ta' Lulju 2006 huwa kien fuq ir-rotta ta' Tas-Sliema u kien hawn li huwa 'bela' dawn il-flus.

Żewġ karti għandhom l-istess serial number.

Għall-Qorti huwa ftit stramb kif wieħed jista' jitħallas xi erba' darbiet f'jum wieħed b'karti taż-żewġ liri u aktar u aktar meta tnejn minn dawn ikollhom l-istess serial number.
Fin-nuqqas ta' provi aktar qawwija u li ma jħallu ebda dubju raġonevoli, il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ma ġabitx provi biżżejjed li l-imputat kien iffalsifka l-flus u għalhekk qed teħles lill-imputat minn din il-parti ta' l-ewwel imputazzjoni. Fl-istess ħin fl-istqarrija ta' l-imputat hemm prova fuq bażi ta' probabilita' li meta rċieva l-flus huwa ma kienx jaf li dawk kienu foloz.

Min-naħa l-oħra il-Qorti issib lill-imputat ħati li mexxa l-flus foloz u dan abbażi ta' dak li joħroġ mill-istqarrija ta' l-imputat stess kif ukoll minħabba x-xhieda emm ta' Gordon Caruana kif ukoll ta' PS 697 Apap a fol.30.

**Artikolu 46 tal-Kap 204**

Il-Prosekuzzjoni ma ġabet prova li l-imputat kellu fil-kustodja tiegħu biljetti tal-flus foloz. Ippruvat kemm l-element materjali kif ukoll l-element intenzjonali tal-pussess. Għallanqas l-imputat kien ilu konxju mid-9 ta' filgħodu ta' l-istess jum. Persuna li taf li għandha flus foloz għandha tneħħihom miċ-ċirkolazzjoni u tagħtihom

lill-Bank mill-aktar fis. (Artikolu 49A). L-imputat minflok għadda żewġ noti ta' flus fi bqija lil passiġġier li ħallas in-noll.

Għalhekk qed issibu ħati tat-tieni imputazzjoni b'dan pero' li tapplika t-teorija ta' l-assorbiment f'dan il-każ ġaladarba ma hemmx provi li kien l-imputat li ffalsifka l-biljetti tal-flus. [1]

**L-Artikolu 49A(3)**

Dan l-artikolu jesiġi li l-Qorti tgħarraf lill-Bank Ċentrali ta' Malta jekk ser tkun tiddistruġġi xi flus.

**L-artikoli 49 u 50 – It-Tielet Imputazzjoni**

Dawn huma dwar ir-reċidiva u l-Prosekuzzjoni ppruvat r-reċidiva soddisfaċentement b'sentenza mogħtija fil-konfront ta' l-imputat fil-5 t'April 2006 li taħgha saret ukoll l-identifikazzjoni. Id-Difiża ssottomettiet li din kienet multa ta'Lm20 biss u għalhekk tista' titqies bħala 'de minimis.'

**Artikolu 533 tal-Kap 9**

Il-Qorti mhix ser tapplika dan l-artikolu għaliex ebda espert ma tqabbad matul dawn il-proċeduri.

**Artikolu 20 tal-Kap 9**

Dan l-artikolu ma japplikax għall-proċeduri odjerni.

**Artikolu 23 tal-Kap 9**

Aktar milli konfiska tal-corpus delicti, hawn si tratta ta' informazzjoni lill-Bank Ċentrali dwar il-flus li jinsabu fil-proċess.

**Konklużjoni.**

---

[1] Ma hemmx assorbiment jekk wieħed jiffalsifika l-flus u imbagħad ikollu l-pussess tagħhom. Ara Professur Mamo Notes on Criminal Law l-Ewwel Parti.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 45, 46, 49A(3) tal-Kap 204 u l-artikolu 17(h0, 49, 50, 31, 20, 23, u 533 tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni bħala li mexxa biss biljett ta' flus foloz u **mhux l**i ffalsifika xi flus u bil-proviso li meta l-flus ġew f'idejh hu ma kienx jaf li dawn huma foloz, ħati tat-tieni imputazzjoni b'dan pero' li din hija assorbita fl-ewwel waħda u ħati tat-tielet imputazzjoni (ir-reċidiva).

Dwar il-piena, il-Qorti jidhrilha li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, partikolarment minħabba li l-ammont huwa żgħir, jidhrilha li flok piena karċerarja għandha tuża l-artikolu 21 tal-Kap 9 u tikkundanna lill-imputat iħallas multa ta' Lm200 (mitejn lira Maltija). Il-multa tista' titħalals f'pagamenti ta' Lm50 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi parti mill-multa, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull Lm5 mhux imħallsa.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tan-noti tal-flus foloz esibiti, b'dan pero' li din is-sentenza l-ewwel trid tkun kommunikata lill-Bank Ċentrali u ai termini ta' l-artikolu 49A(3) tal-Kap 204, jekk il-Bank jagħmel talba biex ma jkunux distrutti, allura l-flus jistgħu jgħaddu għand il-Bank.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------